



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6319/22

JAI 203
JUSTCIV 24
COPEN 49
FREMP 33

NOTA

minn:	Il-Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Aċċess għal Avukat u Stat tad-Dritt - Dokument ta' Diskussjoni tal-Presidenza

Fid-dawl tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-3 u l-4 ta' Marzu 2022, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument imsemmi hawn fuq.

L-avukati għandhom rwol importanti fil-protezzjoni tal-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja, filwaqt li jiġu rrispettati s-separazzjoni tas-setgħat u d-drittijiet fundamentali. Fid-dmirijiet tagħhom ta' konsulenza, rappreżentanza u assistenza legali, huma jiddefendu d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi, jikkellmu f'isimhom quddiem il-qrati u b'hekk jikkontribwixxu għal ġustizzja aċċessibbli, intelliġibbli, ġusta u umana.

Fi stat tad-dritt, l-avukati huma kemm rabta indispensabbli bejn l-individwi u l-ġustizzja tagħhom, iżda wkoll protezzjoni b'saħħitha kontra kwalunkwe forma ta' setgħa arbitrarja.

Ir-rapport dwar l-istat tad-dritt tal-2021 tal-Kummissjoni Ewropea jenfasizza li sistema ġudizzjarja effettiva tirrikjedi li l-avukati jkunu liberi li jwettqu l-attivitajiet tagħhom ta' konsulenza u rappreżentanza tal-klijenti tagħhom, u l-għaqdiet tal-avukati jkollhom rwol importanti biex jgħinu jiggarrantixxu l-indipendenza u l-integrità professjonali tal-avukati.

Għaldaqstant l-avukati għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'ċerti garanziji fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi, is-setgħat ekonomiċi, il-ġudikatura, il-kollegi tagħhom, il-klijenti, u anke l-interessi tagħhom stess. L-għaqdiet tal-avukati li fihom l-avukati jingħaqdu u jorganizzaw rwieħhom jikkontribwixxu, f'dan ir-rigward, biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrità professjonali u l-etika tal-avukati.

Ir-regoli li jirregolaw il-professjoni ta' avukat illum huma primarjament, regoli nazzjonali. Ma hemmx definizzjoni universali tal-professjoni ta' avukat fi ħdan l-UE, iżda tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Madankollu, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, kif ukoll 'il barra minnha, l-avukati jappellaw biex jiġu kkundannati l-attakki kontra l-professjoni tagħhom.

Globalment, qrib 2500 avukat inqatlu, ġew arrestati jew mhedda waqt il-prattika tal-attivitajiet tagħhom bejn l-2010 u l-2020¹. Il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) jinnota li fil-kontinent Ewropew, fejn ir-rispett għall-istat tad-dritt jibqa' b'mod ġenerali għoli, l-attakki kontra l-avukati għadhom iseħħu u jissarrfu f'theddid, ksur tal-kunfidenzjalità tar-relazzjoni mal-klijent, assimilazzjoni tal-avukati mal-kawża tal-klijenti tagħhom, u xi kultant tentattivi biex tiġi mfixkla l-prattika tal-professjoni.

Barra minn hekk, l-attakki kontra l-professjoni ta' avukat ma jikkonċernawx biss avukati individwali. Dawn jistgħu wkoll ikollhom fil-mira l-professjoni kollha kemm hi, kemm direttament kif ukoll indirettament.

B'mod ġenerali, kull fejn ikun hemm rigress fl-istat tad-dritt u attakki fuq l-indipendenza tal-imħallfin, l-avukati jkunu partikolarment esposti. F'dan l-isfond, fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt il-Kummissjoni tagħmel enfasi dejjem akbar fuq l-analiżi tas-sitwazzjoni tal-avukati fl-Istati Membri differenti. Fid-dawl tar-rwol ewlieni tagħhom fil-funzjonament tal-istituzzjoni ġudizzjarja, fl-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini sħabhom u fil-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-avukati jikkostitwixxu waħda mill-aktar professjonijiet fil-mira meta l-istat tad-dritt ikun mhedded.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-2021² tenfasizza li l-għaqdiet tal-avukati għandhom rwol importanti fl-iżgurar tal-indipendenza tal-avukati u tfakkar li l-istandards Ewropej³ jirrikjedu, fost l-oħrajn, il-libertà li wieħed jipprattika l-professjoni ta' avukat kif ukoll l-indipendenza tal-għaqdiet tal-avukati, u jistabbilixxu l-prinċipji bażiċi tal-proċedimenti dixxiplinari kontra l-avukati.

¹ It-tweġiba tas-CCBE tas-6 ta' Diċembru 2021 għall-konsultazzjoni tar-Relatur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati fl-okkażjoni tat-tħejjija tar-rapport tiegħu li jmiss dwar il-protezzjoni tal-avukati.
https://www.ccbe.eu/fileadmin/speciality_distribution/public/documents/HUMAN_RIGHTS/HR_Position_papers/FR_HR_20211206_CCBE-response-to-the-UN-Special-Rapporteur-on-the-Independence-of-Judges-and-Lawyers.pdf.

² Ara b'mod partikolari l-Illustrazzjoni 58 "Indipendenza tal-għaqdiet tal-avukati u tal-avukati".

³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R(2000)21.

Fir-rigward ta' strumenti vinkolanti, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jistabbilixxi d-dritt ta' proċess ġust, li jinkludi d-dritt li wieħed ikun rappreżentat minn difensur. L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, u jagħti lil kull individwu l-possibbiltà li jingħata parir, ikollu difiża u jiġi rappreżentat.

Fir-rigward ta' strumenti ta' liġi mhux vinkolanti, il-prinċipji ta' Havana tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1990⁴ jistabbilixxu prinċipji bażiċi relatati mar-rwol tal-Għaqda tal-Avukati. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (2000)21 dwar il-libertà li tiġi prattikata l-professjoni ta' avukat⁵ tistieden lill-Istati Parti biex jiżguraw, fost l-oħrajn, il-libertà tal-opinjoni u l-espressjoni tal-avukati, ir-rispett għas-segretezza professjonali u d-dritt għall-protezzjoni kontra kull forma ta' pressjoni, sanzjonijiet jew theddid.

Fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-professjoni ta' avukat ġiet irregolata mill-perspettiva tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Id-Direttiva 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977⁶ u d-Direttiva 98/5/KE⁷ tas-16 ta' Frar 1998 għalhekk stabbilixxew regoli u kondizzjonijiet biex avukat jeżerċita, fuq bażi ad hoc jew permanenti, fi Stat Membru għajr dak li fih kiseb il-kwalifika tiegħu.

-
- ⁴ [Prinċipji Bażiċi dwar ir-Rwol tal-Għaqda tal-Avukati](#), adottati mit-Tmien Kungress tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità u t-Trattament tat-Trasgressuri, li sar f'Havana (Kuba) mis-27 ta' Awwissu sas-7 ta' Settembru 1990.
- ⁵ Ir-[Rakkomandazzjoni Nru R\(2000\)21](#) tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-libertà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' avukat, adottata fil-25 ta' Ottubru 2000.
- ⁶ [Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE](#) tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati.
- ⁷ [Direttiva 98/5/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffakilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni.

Il-prattika tal-professjoni ta' avukat ġiet ukoll irregolata inċidentalment f'leġiżlazzjoni sekondarja f'materji kriminali, bħad-Direttiva 2012/13/UE tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali⁸, jew id-Direttiva 2013/48/UE tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat⁹, li l-Artikolu 4 tagħha jistabbilixxi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn l-avukat u l-klijent tiegħu.

Il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar il-professjonijiet legali u l-interess ġenerali relatat mal-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji, diġà kellu l-opportunità li *"jirrikonoxxi bis-sħiħ ir-rwol kruċjali li l-professjonijiet legali għandhom f'soċjetà demokratika biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u s-sigurtà fl-infurzar tal-liġi, kemm meta l-avukati jirrappreżentaw u jiddefendu l-klijenti tagħhom quddiem il-qrati kif ukoll meta jipprovdu pariri legali"* (traduzzjoni mhux uffiċjali).

Madankollu, ma hemm l-ebda regolament speċifiku dwar l-istatus jew l-etika tal-professjoni legali fil-livell tal-Unjoni¹⁰. Skont ġurisprudenza kostanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tfakkar li, fin-nuqqas ta' regoli Ewropej speċifiċi, *"bħala regola, kull Stat Membru jibqa' ħieles li jirregola l-mod kif il-professjoni ta' avukat tiġi eżerċitata fit-territorju tiegħu"*¹¹, minħabba li r-regoli applikabbli għall-professjoni jistgħu jvarjaw sostanzjalment minn Stat għal ieħor.

Dan in-nuqqas ta' korp komuni joffri flessibbiltà kbira għall-ġurisprudenza iżda jimpedixxi li ssir referenza għal standards komuni f'każijiet fejn l-indipendenza tal-avukati, ikkunsidrata globalment jew individwalment, tkun compromessa jew għall-inqas ikkontestata.

⁸ [Direttiva 2012/13/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali.

⁹ [Direttiva 2013/48/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà.

¹⁰ FI-2021, il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati adotta "Mudell ta' Kodiċi ta' Etika għall-Avukati Ewropej".

¹¹ QĠUE, 19 ta' Frar 2002, *Wouters u oħrajn vs Algemene Raad van de Nederlandse Orde van Advocaten*, [Kawża. C-309/99](#), punt 99.

F'dan ir-rigward, tista' tibda riflessjoni dwar korp komuni ta' standards dwar il-professjoni ta' avukat, bħala element essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea. Il-ħidma f'din id-direzzjoni għadha għaddejja fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa. Il-Kumitat Ewropew għall-Kooperazzjoni Legali (CDCJ) bħalissa qed jaħdem fuq il-fattibbiltà ta' strument legali Ewropew ġdid dwar il-professjoni ta' avukat. L-opportunità li l-Unjoni Ewropea tindirizza wkoll din il-kwistjoni jistħoqqilha tiġi kkunsidrata. Fil-fatt, ir-rekwiżiti speċifiċi relatati mal-kwalità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji sabiex jiġi implimentat il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka li jikkarakterizza l-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew jistgħu jiġġustifikaw li l-Unjoni qed tikkunsidra jekk u kif tista' tiżviluppa, f'tit jew wisq fit-tul, korp ta' standards speċifiċi dwar dan is-suġġett.

Bil-ħsieb li jsir progress konġunt dwar il-mezzi meħtieġa għall-protezzjoni tal-professjoni u fil-perspettiva li jiġi ssalvagwardjat u promoss l-istat tad-dritt, il-Ministri ser jiġu mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) Fid-dawl tas-sitwazzjoni nazzjonali tiegħek, tqis li statut Ewropew għall-avukati li jiggarrantixxi prattika indipendenti tal-professjoni, jista' jgħin biex jiġi żgurat ir-rispett għall-istat tad-dritt?
- 2) X'inhuma l-isfidi li jiffaċċjaw l-avukati fl-UE biex jiddefendu l-istat tad-dritt u kif tista' l-UE tikkontribwixxi biex tindirizzahom?
